**20 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist. S.**

Joseph Cauchi

*versus*

Joseph N. Tabone *noe*

***Bearer Account* – Telf ta' – Titolu a Portatur**

*L-attur tilef il-librett ta' bearer account u talab lill-Qorti dikjarazzjoni illi kien il-proprjetarju. Il-Qorti segwiet il-linji tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell f'Abdilla vs Dr R. Farrugia noe u filwaqt illi ddikjaratu proprjetarju tal-flus iddepożitati fil-kont, inibiet lill-Bank li jħallas il-kapital u l-interessi għal data ta' sena mis-sentenza, basta li l-attur jagħti garanzija tajba lill-Bank sabiex jiġi indennizzat l-istess Bank f'każ li jsofri danni-interessi.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-attur għandu ddepożitati f'*bearer account*, fil-fergħa tal-Ħamrun tal-bank konvenut, l-ammont ta' Lm1000 (elf lira maltija) salvi l-imgħax fuq l-istess li ġie uffiċjalment miftuħ fit-12 ta' Diċembru, 1989, liema ammont ġie ttrasferit fl-*account* imsemmi minn *bearer account* ieħor li jġib in-numru 380336 fl-1 ta' Diċembru, 1989;

U premess li l-librett ta' dan il-kont ġie bi żball distrutt mill-attur, u l-fatt tan-nuqqas ta' l-istess librett inġieb a konjizzjoni tal-bank konvenut;

U premess li l-konvenut *nomine* jinħtieġ att dikjaratorju u awtorizzazzjoni mill-Qorti biex jirrikonoxxu lill-attur bħala l-proprjetarju esklussiv tal-flus iddepożitati għand il-konvenut *nomine* kif deskritt fuq u sabiex jirrilaxxa lill-attur is-somma ta' flus fuq indikata flimkien ma' l-imgħax relattiv;

Talab li l-konvenut *nomine* jiġi ddikjarat u deċiż minn din il-Qorti li:

1. L-attur huwa l-uniku proprjetarju esklussiv tal-flus iddepożitati fil-*'bearer account'* fuq imsemmi liema *'account'* ġie uffiċjalment miftuħ fit-12 ta' Diċembru, 1989 fil-fergħat tal-Ħamrun tal-bank konvenut, fl-ammont ta' Lm1000 flimkien ma' l-imgħaxijiet akkumulati relattivi;

2. L-attur għandu jiġi rrikonoxxut bħala l-proprjetarju esklussiv ta' l-imsemmi depożitu mill-konvenut *nomine;*

3. L-attur għandu jinħariġlu mill-konvenut *nomine* l-librett relattiv tad-depożitu fuq imsemmi;

4. Li l-konvenut *nomine* jiġi inibit milli jgħaddi l-imsemmi ammont ta' flus u imgħax relattiv lil kwalunkwe persuna li tippreżenta l-librett ta' depożitu msemmi;

5. Li l-konvenut *nomine* jirrilaxxja favur l-attur l-istess depożitu ċjoè l-kapital u mgħax akkumulati relattivi, okkorrendo wara li jiddekorri t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-każ u dan mid-data tal-preżentata ta' din iċ-ċitazzjoni jew jekk jidhrilha jekk xieraq, wara li l-attur jagħti dawk il-garanziji li jidhrilha meħtieġa tipprovdi l-Qorti;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet relattivi kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-PL Joseph Zammit, għan-nom tal-*Bank of Valletta Limited,* li b'nota kontestwali qiegħed jassumi l-atti ta' din il-kawża li biha jeċċepixxi:

1. Illi preliminarjament l-attur irid jipprova li għandha interess ġuridiku jagħmel din il-kawża, peress illi l-unika persuna

li għandha relazzjoni kontrattwali ma' l-eċċipjent *nomine* huwa biss il-portatur tal-librett;

2. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-ewwel u t-tieni talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi a termini ta' l-artikolu 558(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili), fil-każ ta' titolu għall-portatur, bħal ma huwa l-każ preżenti, il-pussess ta' tali titoli f'idejn terzi ta' *'buona fede'* huwa ekwivalenti għat-titolu u li skond l-artikolu 532 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili), l-*'buona fede'* hija dejjem preżunta u l-*'mala fede'* trid tiġi ppruvata minn min jallegaha, konsegwentement qatt ma jista' jkun illi l-attur jiġi ddikjarat uniku proprjetarju esklussiv ta' xi flus iddepożitati l-bank u rappreżentati b'librett għall-portatur jekk dan m'għandux fil-pussess fiżiku tiegħu dak il-librett;

3. Illi in kwantu għat-tielet talba attriċi, l-eċċipjent ma jistax jaċċetta li joħroġ librett ieħor għall-portatur li jintitola lill-attur għall-flus iddepożitati f'bank, *stante* illi l-attur m'għandu l-ebda pretensjoni kontra l-eċċipjent *nomine* u l-ebda relazzjoni kontrattwali miegħu, u *stante* illi jekk hemm xi flus iddepożitati l-bank rappreżentanti minn librett għall-portatur, jista' jkun hemm terzi persuni fil-pussess materjali tal-librett li allura għandhom huma d-dritt għall-flus iddepożitati fil-bank;

4. Illi mir-raba' talba attriċi tidher ċara l-inkonsistenza fit-teżi attriċi li filwaqt li qiegħed jiġi premess illi l-attur bi żball ddistruġġa xi librett ta' depożitu, f'din ir-raba' talba, l-attur qiegħed jitlob li l-bank konvenut jiġi inibit milli jirrilaxxa xi flus lil terzi li jippreżentaw il-librett, li allura tindika illi l-librett jista' jkun qiegħed fil-pussess ta' terzi u li għalhekk tkompli ssaħħaħ

it-tielet eċċezzjoni ta' l-eċċipjent *nomine* illi ma jistax joħroġ librett ieħor *stante* li jista' jkun hemm terzi persuni fil-pussess fiżiku tal-librett li jkollhom dritt li jitolbu l-iżbank tal-flus;

5. *Illi r-raba' talba attriċi hija wkoll infondata stante illi* l-eċċipjent *nomine* għandu obbligu kontrattwali a favur tal-portatur tal-librett, hu min hu, li jħallsu l-flus iddepożitati l-bank meta jippreżenta dan il-librett u għalhekk ma jistax jiġi inibit milli jaderixxi ma' l-obbligi kontrattwali tiegħu, għax dan iwassal lill-konvenut fil-posizzjoni li jikser il-liġi fil-konfront tal-portatur tal-librett;

6. Illi in kwantu għall-ħames talba, japplikaw ukoll l-eċċezzjonijiet suesposti *stante* illi mhux legalment possibbli li kont *'bearer'* jiġi żbankat a favur ta' xi persuna mingħajr ma dik il-persuna tipproduċi l-librett relattiv. Hija n-natura stess tal-kuntratt li permezz tiegħu klijent ta' bank jista' jiftaħ *'bearer account'* u ċjoè li l-portatur tal-librett huwa awtomatikament is-sid tal-kreditu kontra l-bank u dan ta' l-aħħar huwa kontrattwalment tenut li jirrikonoxxi bħala s-sid ta' tali kreditu, u jħallas biss u esklussivament lill-portatur tal-librett, mingħajr ma jindaga b'liema mod il-librett ġie fil-pussess tiegħu, altrimenti jintilef kompletament l-iskop ta' *'bearer account'*;

7. Illi l-uniku rimedju a disposizzjoni ta' l-attur huwa dak sanċit fl-artikolu 559 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili), u ċjoè li min jitlef il-ħaġa jista' jitlob ir-restituzzjoni *tagħha mingħand il-pussessur, u għalhekk l-attur għandu* jistitwixxi azzjoni diretta kontra d-detentur tal-librett u mhux l-eċċipjent *nomine*, għalhekk ir-rimedju mitlub mill-attur mhux previst mil-liġi;

Għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Tirrileva għal kull fini li l-hekk imsejħa 'relazzjoni' ta' l-Assistent Ġudizzjarju dika l-parti li tikkontjeni fehmiet u opinjonijiet qiegħda tiġi formalment skartata billi tali kompitu jeżorbita mill-funzjonijiet ta' l-imsemmi uffiċjal;

Ikkunsidrat li mill-provi jirriżulta li l-attur kellu *'bearer account'* bin-numru 380336 mal-bank konvenut li ġie żbankat u dakinhar stess – fl-1 ta' Diċembru, 1989 – l-attur fetaħ kont ġdid *'fixed bearer account'* numru 13605978010(381304) mal-*Bank of Valletta Limited* – Ħamrun *Branch* – għas-somma ta' elf lira maltija (Lm1000). Dan il-fatt m'huwiex in kontestazzjoni;

L-attur xehed li huwa jgħix waħdu. Għall-ħabta ta' Novembru, 1991 ħalla l-imsemmi *'passbook'* flimkien ma' xi riċevuti biex ikun fil-qabda billi kien fi ħsiebu jsarrfu. Ġara li wara li daħallu ħafna ilma tax-xita f'daru u kellu jnaddaf u jarmi diversi oġġetti u karti, fosthom rema wkoll bi żball l-imsemmi dokument. Dakinhar stess li ntebaħ bl-akkadut l-attur jgħid li mar jgħarraf lis-*'supervisor'* tal-bank konvenut – Tony Ellul – li rreferieh għall-*'Head Office'*. Dawn weġbuh li kellu jaġixxi

ġudizzjarjament. L-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* u l-provi tagħhom mhux intiżi li jikkontraduċu l-fatti imma huma mpernjati fuq bażi legali. Dak jiġifieri li bħala titolu għall-portatur, l-attur m'huwiex intitolat li jaġixxi kontrihom imma biss kontra l-possessur, allura *in mala fede*, tad-dokument mitluf, u li legalment huma marbutin u obbligati bil-liġi li jħallsu biss lil tali portatur;

Kwestjonijiet simili kienu soġġett għal għadd ta' deċiżjonijiet tal-qrati tagħha li mhux dejjem kienu għal kollox konkordi. L-aħħar insenjament, pjenament kondiviż minn din il-Qorti kif presjeduta, huwa li fejn jiġi ppruvat li l-imsemmi dokument kostitwenti titolu għall-portatur ġie rremedjabilment distrutt, jew mitluf u jiġi wkoll ippruvat li dan sar kontra l-volontà manifesta tal-proprjetarju tiegħu, allura r-regoli ċċitati mill-konvenut *nomine* m'għandhomx jiġu applikati b'rigorożità talment assoluta li jkun ifisser li d-depożitant u l-proprjetarju attwali jkun tilef flusu darba għal dejjem. F'dan il-kuntest issir riferenza għad-deċiżjonijiet *in re:* **G. Abdilla vs Dr Riccardo Farrugia *noe et*** tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fit-13 ta' Marzu, 1992, segwita minn oħrajn fosthom ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **G. Grech vs Dr Riccardo Farrugia *noe et*** tat-12 ta' Ġunju, 1992. Dan hu rimedju ekwu u ġust basta li, mill-banda l-oħra, tingħata garanzija adegwata mid-depożitant lill-bank konvenut. Mill-bqija, din il-Qorti m'għandhiex aktar x'iżżid;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi, filwaqt li **tirrespingi** l-eċċezzjonijiet issollevati kif ukoll it-tielet talba attriċi; **tilqa'** l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara lill-attur proprjetarju esklussiv tal-flus iddepożitati fil-*'bearer account' de quo* ddepożitat mal-bank konvenut, fergħa

tal-Ħamrun fl-ammont ta' elf lira maltija (Lm1000) oltre interessi akkumulati; **tilqa'** t-tieni talba kif dedotta; tilqa' r-raba' talba fis-sens li tinibixxi lill-bank konvenut milli jħallas il-kapital u interessi relattivi għall-imsemmi *'fixed deposit bearer account' numru 381304 mid-data tas-sentenza sa l-20 ta' April, 1994*, basta li l-attur sa qabel dina d-data, jikkostitwixxi u jagħti favur il-bank konvenut garanzija adegwata biex l-istess bank jiġi indennizzat għal kull dannu li jista' jsofri jekk huwa jiġi ordnat b'sentenza ta' dawn il-qrat li jirrifondi l-kapital u interessi relattivi lill-eventwali detentur tal-librett, kemm-il darba tali ċirkostanza tavveri ruħha. F'dak il-ġudizzju l-bank ikun allura obbligat li jsejjaħ fil-kawża lill-attur u din għandha tkun parti mill-garanzija fuq imsemmija; **tiċħad** kwindi l-ħames talba in vista tas-suespost u billi hija intempestiva b'dana li tista' tiġi fis-seħħ **wara** li tiskadi d-data prefissa u mogħtija l-garanzija fuq imsemmija. fid-dawl tas-seuspost, il-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi sopportat interament mill-attur.